



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. en)

6899/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0057 (NLE)

AELE 9
EEE 10
N 8
ISL 8
FL 8
EF 70
ECOFIN 193

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE (Parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea,
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji)
u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE
(Parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri
dwar il-Finanzi Sostenibbli)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Kumitat Konġunt taż-ŻEE”) jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost oħrajn, l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Jenħtieġ li l-Anness IX u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati kif xieraq.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda għall-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru...

ta'...

**li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Protokoll 37
(li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji¹ jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088² irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness IX u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1.

² ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31nb (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1851) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

“31o. **32019 R 2088**: Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1) kif emendat bi:

– **32020 R 0852**: Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-derogi stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u (4) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [id-data ta' din id-Deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara.

(b) Fl-Artikolu 20, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(a) fil-paragrafu 2, il-kliem ‘mill-10 ta’ Marzu 2021’ għandu jinqara ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’... [id-data ta' din id-Deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara’;

(b) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘mill-1 ta’ Jannar 2022’ għandu jinqara ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’ [id-data ta' din id-Deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara’.

31p. **32020 R 0852:** Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 13(1)(d), il-kliem ‘fil-liġi tal-Unjoni’ għandu jiġi sostitwit bil-kliem ‘fil-Ftehim ŻEE’.

- (b) Fl-Artikolu 27(2)(a), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘mill-1 ta’ Jannar 2022’ għandu jinqara ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’... [id-data ta’ din id-Deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara’.”

Artikolu 2

Il-punt li ġej jiddaħħal fil-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE:

“46 Il-Grupp ta’ Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli (ir-Regolament (UE) 2020/852).”

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2020/852 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE
